# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Ottubru,2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 28/00mm**

**Agatha sive Katie Cachia**

**vs**

**Angelik Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attrici fil-11 ta' Jannar 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-Agatha sive Katie Cachia s-somma ta' sitt mija u seba u tletin lira maltin, (Lm637.00), jew somma verjuri rapprezentanti d-danni sofferti fil-vettura KAD 469 proprjeta' tal-attrici, wara kollizzjoni li grat f'Joanne Gardens, Tarxien, fis-26 ta' Ottubru,1998, mal-vettura EAG 306 misjuqa mill-konvenuta, ta' liema kollizzjoni hija kienet unikament responsabbli. Okkorrendo jekk hemm bzonn, in-nomina ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara hdejn Joanne Gardens, Hal Tarxien, fis-26 ta' Ottubru,1998, bejn il-karozza KAD 469 misjuqa minn Jason Cachia t-tifel ta' l-attrici u l-karozza EAG 306 misjuqa mill-konvenuta. L-isketch ta' dan l-incident huwa esibit a fol 9 tal-process.

Skond dan l-isketch jidher li waqt li Jason Cachia kien qed isuq go Sisters Street, il-konvenuta harget minn Lanzon Street, daret lejn ix-xellug u baqghet diehla fuq Cachia. Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar dan il-fatt. B'verbal maghmul quddiem din il-Qorti fil-21 ta' Gunju 2000 (fol 25) gie dikjarat illi l-konvenuta tat istruzzjonijiet fil-21 ta' Mejju 1999 lill-kumpanija assikurattrici taghha Micallef Insurance sabiex taghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attrici u thallas ukoll il-mitt lira (Lm100.00) excess skond il-polza. Jidher illi minkejja illi tat dawn l-istruzzjonijiet il-

kumpanija assikurattrici baqghet ma hallsitx lill-attrici u ghalhekk din ma kellhiex triq ohra hlief tadixxi din il-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza biex tiehu dak li hu taghha bi dritt.

Ghal dawk li huma provi ftit li xejn hemm, pero' dan il-verbal tal-21 ta' Gunju 2000 huwa ferm importanti u jorbot lill-konvenuta. Il-Qorti ghalhekk ma tara l-ebda ostakolu ghall-azzjoni attrici u ghat-talba taghha kif maghmula. Skond dan il-verbal ma hemm l-ebda kondizzjoni ghall-hlas u l-istruzzjonijiet kienu sabiex il-kumpanija assikurattrici taghmel tajjeb ghad-danni subiti. Dawn id-danni huma reklamati fl-ammont ta' sitt mija u seba u tletin lira maltin, (Lm637.00) u hijja din ic-cifra li ghandha tigi akkordata lill-attrici. Irrizutla li sar *survey* mill-kumpanija assikurattrici ta' Micallef Insurance sabiex jigi konstatat id-danni subiti fil-karozza ta' l-attrici liema survey jirrifletti l-ammont mitlub.

Ghalhekk il-Qorti sejra tiddeciedi l-kawza fuq l-iskorta ta' dan il-verbal tal-21 ta' Gunju 2000 u konsegwentement;

Tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' sitt mija u seba u tletin lira maltin, (Lm637.00), danni sofferti fil-vettura KAD 469 proprjeta' tal-attrici, wara kollizzjoni li grat f' Joanne Gardens, Tarxien, fis-26 ta' Ottubru,1998, mal-vettura EAG 306 misjuqa mill-konvenuta, ta' liema kollizzjoni l-istess konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg